31987D0510

21.10.1987 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 297/1

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-28 ta' Settembru 1987
## dwar il-konklużjoni ta' Protokoll Addizzjonali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija

(87/510/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 238 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([2]);

Billi l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija ([3]), iffirmat fl-Alġier fis-26 ta' April 1976, għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija qiegħed b'dan jiġi approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifikazzjoni pprovduta fl-Artikolu 6 tal-Ftehim ([4]).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussell, fit-28 ta' Settembru 1987.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. HAARDER

---

([1]) ĠU C 97, ta' l-10.4.1987, pġ. 2.

([2]) Qbil mogħti fis-19 ta' Settembru 1987 (għadu mhux ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) ĠU L 263, tas-27.9.1978, pġ. 2.

([4]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.